MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 345/2010

**A B**

**-vs-**

**Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi li b'digriet tad-19 ta' Novembru 2010 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti ppartecipaw f'cerimonja taz-zwieg fit-28 ta' Novembru 2009, f'Portofino Restaurant, Xemxija, San Pawl il-Bahar, u liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, Valletta, li jgib in-numru ta' registrazzjoni 1964/09 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dan iz-zwieg kien irrangat bejnhom b’certu E B stante li kienet kugina ta’ martu u kien jafha biss ghal perjodu ta’ sena qabel ma zzewgu waqt li tul dik is-sena tal-gherusija kien jghix Malta u hi gol-Marokk.

Illi l-konvenuta hija cittadina Marokkina.

Illi l-konvenuta ma kellhiex intenzjoni biex tizzewweg lill-attur imma riedet biss tigi tabita Malta u tahdem Malta b’mod legali stante zewgha huwa cittadin Malti u hi cittadina Marokkina u ghalhekk hija kellha immedjatament ‘freedom of movement’ u setghet tahdem minghajr ebda xkiel.

Illi hija riedet passaport ghall-Ewropa stante li Malta kienet parti minn Schengen Area, allura hija setghet issiefer lejn l-Ewropa minghajr ebda xkiel u minghajr VISA galadarba dahlet Malta legalment.

Illi z-zwieg tal-kontendenti kien zwieg ta’ konvenjenza tant li l-kontendenti ftit li xejn qaghdu flimkien peress li huma zzewgu fit-28 ta’ Novembru 2009 u l-intimata baqghet tghix mieghu sal-10 ta’ Frar 2010 u dan skond rapport li sar lill-Pulizija; Dokument B.

Illi hija marret tghix ma’ E B u kuginitha Marokkina F B D u telqet minn maghhom ghall-habta ta’ Mejju 2010 u marret tghix fl-Ewropa f’post barra minn Malta mhux maghruf ghall-attur.

Illi l-kontendenti, partikolarment l-intimata, ma kellhomx, fi zmien li sar iz-zwieg, setghat intellettwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Ghaldaqstant, il-konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat fit-28 ta' Novembru 2009 f'Portofino Restaurant, Xemxija, San Pawl il-Bahar, hu registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, Valletta u li jgib in-numru ta' registrazzjoni 1964/09 hawn anness u mmarkat bhala Dokument A huwa null u bla effett fil-ligi u dan prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja ai termini tal-Att taz-Zwieg tal-1975 u cioe' Att XXXVII tal-1975.

Tiddikjara u tiddeciedi u tordna illi l-effetti taz-zwieg validu kienu jezistu sal-lum meta n-nullita' taz-zwieg issir 'res judicata' u dan ai termini tal-artikolu 20 tal-Att XXXVII tal-1975.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet datat 19 ta' Novembru 2010, li permezz tieghu gew nominati Dr. Noel Bartolo u l-P.L. Melissa Anastasi biex jirraprezentaw lill-assenti C D.

Rat ir-risposta guramentata tal-fuq imsemmija kuraturi fejn ikkonfermaw:

Illi f'dan l-istadju, l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimata minnhom rapprezentata u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimata.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-koppja f'dan iz-zwieg huma ragel Malti u mara Marokkina. Iltaqghu l-ewwel darba fuq l-internet tramite kugin tar-ragel li kien mizzewweg lil kugintha u li mieghu

kienet dejjem tammetti li riedet tizzewweg ragel Malti. Kienet relazzjoni mimlija glied, anke fiziku. Il-koppja ghexu flimkien biss ftit gimghat wara z-zwieg. Tul il-ftit xhur li damet ghaddejja r-relazzjoni, l-istess konvenuta uriet li kienet hsiebha biss fi flus l-attur u l-possibilita' li tibqa' fl-Ewropa, possibilita' din li setghet takkwista biss jekk tizzewweg lill-attur.

Dan kollu hu provat tajjeb mill-affidavit kemm tal-attur kif ukoll tal-istess kugin li laqqgha l-koppja flimkien. Ghalkemm ftit, il-provi jwasslu wiehed ghall-fehma, li z-zwieg kien biss wiehed ta' konvenjenza.

Din il-Qorti ukoll kif presjeduta kellha diversi okkazjonijiet tippronunzja ruhha fuq dawn iz-zwigijiet.

Fil-kawza "**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**" (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-16 ta' Jannar, 1998), din il-Qorti diversament presjeduta irriteniet hekk:

"*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament.*"

L-iskrutinju li jinhtieg isir mill-Qorti f'dawn il-kazijiet gie hekk spjegat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Raymond Cassar vs Anne Cassar nee' Busuttil**", (deciza fil-31 ta' Mejju, 2004):

"*Biex l-attur jirnexxielu jipprova din l-allegazzjoni huwa necessarju ghalih li jressaq provi konkreti u sufficjenti, li jissodisfaw debitament il-Qorti li, fuq bilanc ta' probabilitajiet, it-tezi tieghu tirrispekkja l-verita'. Semplici suspetti jew suppozizzjonijiet u kongetturi, ma humiex bizzejjed biex igibu fix-xejn il-prezunzjoni li l-kuntratt taz-zwieg li sar bejn il-partijiet sar validament. Fi kliem iehor, l-*

*attur hu obbligat li jipprova sodisfacentement li fil-mument li l-konvenuta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, hija ghamlet dan semplicement b'mod biss estern, apparenti u formali. Huwa obbligat li jipprova ukoll li l-konvenuta, b'att pozittiv tal-volonta' taghha, fil-verita' cahdet totalment li taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg (simulazzjoni totali) jew almenu cahdet li taghti l-kunsens matrimonjali taghha billi b'att pozittiv tal-volonta' taghha eskludiet a priori xi element essenzjali tal-hajja mizzewga (simulazzjoni parzjali). Jekk l-attur ma jaghmilx din il-prova b'mod sodisfacenti fuq bilanc ta' probabilitajiet, allura t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg in kwistjoni ma tkunx tista' tintlaqa' billi actore non probante reus absolvitur.*"

Fil-kaz in ezami, din il-prova hekk spjegata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq citata, giet meghluba ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn A B u C D fit-28 ta' Novembru 2009 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------